MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 206/2001/2

**Joseph Demartino, Sindku, u Alfons Anastasi, Segretarju tal-Kunsilli Lokali Mosta in rappreżentanza ta' l-istess Kunsill u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2008 l-istess Joseph Demartino ġie sostitwit b'Dr. Paul Chetcuti Caruana bħala sindku filwaqt li Alfons Anastasi ġie sostitwit b'John Camilleri bħala segretarju eżekuttiv**

**-vs-**

**Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-7 ta' Frar 2001 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Peress illi l-lokalita' tal-Bidnija tradizzjonalment u storikament tifforma parti mil-lokalita' estiża tal-Mosta u

dan mill-aspetti kollha, inklużi per eżempju ta' skejjel u bżonnijiet spiritwali;

Peress illi meta nħolqu l-kunsilli lokali għall-ewwel darba, il-Bidnija, b'sorpriza kbira għal kulħadd, ġiet inkorporata fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar, ma' liema lokalita' m'għandha ebda rabta;

Peress illi wara talba tal-Kunsill Lokali tal-Mosta sabiex il-Bidnija kollha tiġi nkorporata fil-lokalita' tiegħu, permezz ta' l-Avviż Legali numru 87 tat-30 ta' Marzu 1998, din ġiet maqsuma fin-nofs, bil-parti residenzjali tagħmel parti mill-Mosta u l-parti rurali tibqa' ma' San Pawl il-Baħar;

Peress illi din is-sitwazzjoni la tagħmel sens u lanqas ma hi loġika għaliex minbarra r-raġunijiet ta' tradizzjoni u storja, il-fatt li tifred parti mill-Bidnija minn parti oħra mill-istess Bidnija jikkreja konfigurazzjoni f'forma ta' lsien li hu snaturali u unika fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u wkoll tħalli barra mill-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Mosta l-parti tal-Bidnija li hi l-iżjed viċin il-Mosta, kif jirriżulta mill-annessa pjanta markata Dok. A;

Peress illi s-Sindku tal-Mosta kemm-il darba kiteb lill-Kummissarju Elettorali Principali bit-talba tal-Kunsill, kif ukoll ir-residenti kollha tal-Bidnija, sabiex il-Bidnija kollha tigi nkorporata fil-lokalita' tal-Mosta, u bagħat ukoll lista bil-firem tar-residenti kollha tal-Bidnija biex isostni t-talba tiegħu, kopja ta' liema lista hija hawn annessa markata Dok. B, iżda baqa' mingħajr tweġiba; l-istess kif ġara lill-interpellanzi tal-konsulent legali tal-Kunsill;

Peress illi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali jistabbilixxi f'Artikolu 3(3) illi tibdil fil-konfini ta' lokalita' jista' jsir biss mill-Kummissjoni Elettorali f'ċirkostanzi eċċezzjonali u dan wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli mill-Kunsilli Lokali, mal-Kunsilli konċernati u, fejn hu possibli, mar-residenti tal-lokal.

Jgħidu l-konvenuti għaliex, għar-raġunijiet imsemmija, m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali kif kontemplati fl-Artikolu 3(3) ta’ l-Att dwar il-Kunsilli Lokali li jagħtu lok biex il-Kummissjoni Elettorali tagħti bidu għall-proċess ta’ konsultazzjoni rikjest mill-istess Att biex ikun jista’ jsir tibdil fil-konfini tal-Kunsilli Lokali tal-Mosta u ta’ San Pawl il-Baħar.

Bl-ispejjeż inklużi l-ittra interpellatorja tal-25 ta’ Frar 2000 u l-protest tas-6 ta’ Lulju 2000 kontra l-konvenuti li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta’ l-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-Kummissjoni konvenuta, ippreżentata fl-20 ta’ Ġunju 2008, li permezz tagħha eċċepiet:

Illi fl-ewwel lok l-azzjoni kif proposta hija improponibbli għax tittendi biex tissindika diskrezzjoni eżerċitata mill-Parlament b’Att li stabbilixxa l-konfini tal-Kunsilli Lokali;

Illi huwa minnu li l-Kummissjoni għandha diskrezzjoni fil-materja tal-konfini imma tali diskrezzjoni tista’ tiġi biss eżerċitata a bażi ta’ fatturi li jittqajmu wara li tkun għaddiet il-liġi u mhux fatturi li jkunu ppersistew l-istess liġi li stabbiliet l-konfini tal-lokalitajiet;

Illi *inoltre* l-azzjoni kif proposta ma tistax tirnexxi billi l-Qorti tiddefetta minn ġurisdizzjoni biex tissindika l-aġir tal-Kummissjoni fuq il-bażi proposta fiċ-ċitazzjoni;

Illi fil-każ preżenti l-attur qiegħed jilmenta minn nuqqas tal-Kummissjoni li teżerċita diskrezzjoni minnha eżerċitata u għalhekk tittendi biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni b’dik tal-Qorti;

Illi ċ-ċitazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Kummissjoni konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tagħha tal-15 ta' Dicembru 2003 li permezz tagħha ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet iżda laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-kummissjoni u lliberata mill-osservanza tal-ġudizzju;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell mogħtija fl-1 ta' Diċembru 2006 li permezz tagħha laqgħet l-appell ta' l-atturi u ċaħdet allura anke t-tielet eċċezzjoni tal-kummissjoni filwaqt li ċaħdet l-appell tal-kummissjoni fir-rigward taċ-ċaħda ta' l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

Rat in-noti li permezz tagħhom saru s-sostituzzjonijiet tal-atturi *stante* l-bdil ta' l-uffiċjali tal-Kunsill attur;

Rat l-atti proċesswali komprizi d-depożizzjonijiet tax-xhieda li nstemgħu mill-Qorti diversament preseduta;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-20 t'April 2009 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza; .

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi qed jinvokaw l-artikolu 3 (3) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali ossija l-Kapitolu 363 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi illi *"Tibdil fil-konfini tal-lokalitajiet għandu jsir biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u wara konsultazzjoni mal-Ministru, il-kunsilli lokali u fejn hu possibbli mar-residenti."* Huma qed jallegaw li hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jitolbu li ssir din il-konsultazzjoni għar-ragunijiet ġia' msemmija fiċ-ċitazzjoni.

Mid-depożizzjonijiet ta' Rev. Carmelo Mifsud, Dun Pawl Buhagiar u John Mary Vella, persuni anzjani sew, jidher ċar li għal skopijiet ekkleżjastiċi u amministrattivi l-Bidnija dejjem (jew għall-inqas minn ħafna snin ilu) kienet ikkunsidrata bħala parti mill-Mosta u kwindi fil-fehma tal-Qorti jeżistu dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li tirrikjedi l-liġi biex il-Kummissjoni tibda l-konsultazzjoni mitluba. Naturalment id-deċiżjoni finali tibqa' dejjem tagħha iżda fil-fehma tal-Qorti għandha għall-inqas tagħti widen għat-

talba attriċi u taqdi dmirha għall-iskop tas-sub-inċiż imsemmi.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet li baqgħu jiġu kkunsidrati tal-Kummissjoni konvenuta u tilqa' t-talba attriċi; l-ispejjeż, ħlief dawk ġia' deċiżi mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha msemmija, ikunu a kariku tal-Kummissjoni konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------